MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 444/2007

**Attard & Co (Photolabs) Limited – (C 13832)**

**Vs**

**Mark Tabone (ID 44036 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn, disgha mija u sitta u erbghin euro u sitta u sittin centezmu (€2946.66) ekwivalenti ghal Lm1265.09, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kunsinjata mis-socjeta' attrici skond '*statement'* anness mat-talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1330/07 u bl-interess mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut eccepixxa illi l-ammont mitluba mis-socjeta’ attrici mhux dovut.

Illi t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Illi huwa kien hallas xi ammonti dovuti minnu ferm qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna.

Illi huwa m’ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna u l-anqas tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju indikat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti prezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici Mark Ciantar.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ bilanc dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenut rapprezentanti merkanzija mibjugha lilu.

Ra illi fil-11 ta’ Marzu, 2008 giet ipprezentata nota ta’ riduzzjoni ghal elf, hames mija u tlettax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,513.65).

Sema` x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici fejn ikkonferma li l-ammont kif ridott kien ghadu dovut. Illi l-konvenut kien infurmah kemm-il darba illi huwa kien ha jhallas l-ammont dovut izda l-ammont baqa’ ma thallasx.

It-Tribunal jinnota illi l-konvenut u d-difensur tieghu baqghu ma dehrux ghall-erba’ seduti minkejja illi huma gew msejjha ghall-udjenza.

Illi wara li s-socjeta’ attrici ghalqet il-provi, l-konvenut inghata l-opportunita’ li jipprova l-kaz tieghu.

Illi kemm il-konvenut u kemm id-difensur tieghu baqghu ma dehrux ghal kawza u ghaldaqstant il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal in '*difetto ostacolo'*.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha u li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut jhallas fis-somma ta' elf, hames mija u tlettax-il Ewro u hamsa u sittin cenetzmu (€1,513.65), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------